**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT- TLIETA, 30 TA' OTTUBRU, 2001**

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 489/01 AE**

**Grech Fashions Ltd**

**Vs**

**Christopher Chetcuti u Moira konjugi Gauci Maistre f'isimhom proprju kif ukoll ghan-nom ta' d-ditta Premier One International Promotions.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob ir-rifuzjoni tas-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm385) in kwantu ghal:

(a) Lm225 imhallas lilhom ghal fashion show li kellhom jorganizzaw fix-xahar ta' Novembru 1999 izda li gie kancellat mis-socjeta attrici erbgha gimghat qabel id-data prevista;

(b) Lm160 imhallas ghar-rigward ta' video production li kif miftiehem ma' l-istess konvenut kellu jammonta ghal Lm400 biss u mhux Lm560 kif indikat fil-prospett tal-konvenuti datat 25 ta' Ottubru 2000.

Illi l-konvenuti kkontestaw it-talba tas-socjeta attrici u ddikjaraw li l-ammont pretiz m'huwiex dovut.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-17 ta' Ottubru 2001 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra:

1. Illi s-socjeta attrici kienet inkarigat lill-konvenuti sabiex jorganizzaw *fashion show* gewwa l-lukanda Corinthia. L-arrangamenti u l-ftehim mal-konvenuti kien isir minn Philip Grech, direttur tas-socjeta attrici.

2. Mill-provi rrizulta li f'xi zmien is-socjeta attrici kkancellat dan il-*fashion show*.

3. Philip Grech (id-direttur tas-socjeta attrici) iddikjara li *"ghal habta tat-tielet gimgha ta' Ottubru jiena kont gharraft lill-konvenuti illi l-fashion show konna qeghdin nikkancellawh"* (seduta tas-17 ta' Ottubru 2001). Xehed ukoll li l-fashion show kellu jsir ***"ghall-habta tal-ahhar ta' Novembru tas-sena 1999"***.

4. Ix-xhud Sharon Camilleri Magro (rapprezentant tal-Corinthia Palace Hotel) ikkonfermat li l-*fashion show* kellu jsir fil-5 ta' Novembru 1999 gewwa l-Corinthia Palace Hotel, Attard. Ikkonfermat ukoll li huma gew avzati li l-*fashion show* kien gie kkancellat fl-4 ta' Novembru 1999, u *"peress li ma kienx fadal bizzejjed zmien biex isir booking iehor fuq il-kamra, il-Corinthia harget kont fl-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija li nsejhulha bhala 'cancellation*

*fee'"*. Ix-xhud iddikjarat li din is-somma thallset mill-konvenuti. Mid-dokument li gie pprezentat mix-xhud u markat bhala Dok. SCM1, jirrizulta wkoll li fl-20 ta' Sttembru 1999 l-konvenuti baghtulhom fax li tghid: *"I would like to confirm Friday 5th November for a fashion show at the Corinthia Palace Hotel and Thursday 4th November for rehersal"*.

5. Mill-provi rrizulta wkoll li fl-14 ta' Settembru 1999 il-Corinthia Palace Hotel baghtet informazzjoni li ntalbet mill-konvenuti (Dok. CC1). Sahansitra rrizulta wkoll li kienu diga' gew stampati l-inviti (Dok. CC3) ghal din l-okkazzjoni.

6. Fid-dokument ezebit mill-konvenuti (Dok. CC2) u li gie ffirmat minn Philip Grech (li kkonferma li l-firma fuq dan id-dokument hija tieghu) jinghad li: *"It is also agreed that Mr. Phillip Grech will pay Corinthia Palace Hotel any money due to them as a cancellation fee for canceling the fashion show on Friday 5th November 1999"*. Ghalkemm Philip Grech iddikjara li ma kienx cert jekk meta ffirma dan id-dokument dawn il-kliem kienux imnizzlin, ma tressqu ebda provi li jistghu jwasslu biex jikkonvincu lil dan it-Tribunal li dawn il-kliem inkitbu minn wara dahar Philip Grech jew wara li ffirma d-dokument.

7. It-Tribunal huwa tal-fehma li dak li nghad f'dan id-dokument ixejjen it-tezi tas-socjeta attrici. Inoltre, mill-atti t-Tribunal m'huwiex konvint li l-*fashion show* gie kkancellat gimghat qabel id-data meta kellu jsir. Sahansitra rrizulta li gurnata qabel il-mudelli li tqabbdu mill-konvenuti kienu marru l-Corinthia Hotel sabiex issir il-prova. James Borg, wiehed mill-mudelli, ikkonferma li waqt li kienu fil-lukanda jistennew sabiex tibda l-prova, il-konvenuti *"gharrfuna illi kienu ghadhom kif saru jafu illi l-okkazjoni kienet giet ikkancellata"* (xhieda moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2001).

8. Wara li t-Tribunal qies il-provi kollha jasal ghal konkluzjoni li l-verzjoni moghtija mis-socjeta attrici m'hijiex wahda verosimili. Gialadarba rrizulta li l-kancellament ma sarx fi zmien utli sabiex ma

tithallasx il-*cancellation fee* u ladarba rrizulta li l-konvenuti hallsu dawn il-flus, is-socjeta attrici ma tistax titlob rifuzjoni taghhom meta din is-somma kellha tithallas proprju minhabba d-decizjoni li hadet fl-ahhar li thassar il-*fashion show*. Ghad-decizjoni li hadet is-socjeta attrici, ma tistax tippretendi li l-konvenuti jaghmlu tajjeb ghall-spejjez li saru minhabba li l-attivita giet ikkancellata meta ma kienx fadal zmien.

9. Fir-rigward tal-*video production*, m'hemm xejn bil-miktub. Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici ddikjara li ftehmu fuq prezz ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400). Min-naha l-ohra l-konvenut iddikjara li l-prezz kien ta' hames mija u sittin lira Maltija (Lm560) u *"l-ispejjez tal-video clip kienu jinqasmu b'dan il-mod li gej: Mitejn u tmenin Lira ghal video production; mija u hamsa u ghoxrin Lira: Agency fee; u mitt lira ghall-mudelli. Irrid nghid ukoll li kien hemm ukoll is-somma ta' erbghin Lira li hallasna sabiex gew ipprintjati l-inviti ghall-fashion show li kellu jsir il-Corinthia Palace… Kien hemm ukoll is-somma ta' hmistax-il Lira li tikkonsisti f'DJ rehearsal fee li hallasna ahna. Dan dejjem b'riferenza ghal Corinthia"*. Jidher ghalhekk li skond il-konvenut il-prezz ghal-*video production* kien ta' hames mija u hames liri Maltin (Lm505) u mhux ta' hames mija u sittin lira Maltija (Lm560) [ara fol. 3 tal-process]. Il-bilanc jirreferi ghall-hlasijiet ohra li allegatament saru b'riferenza ghal *fashion show* li kellu jsir f'Novembru 1999 u li kif rajna kien gie kkancellat mis-socjeta attrici fl-ahhar.

10. Ix-xhieda moghtija hija kontrastanti. Huwa fatt inkontestat li min jallega jrid jipprova (*iuxta allegata et probata*). It-Tribunal m'huwiex tal-fehma li s-socjeta attrici rnexxielha tipprova li l-prezz ghall-*video production* kien fl-ammont ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400). Apparti x-xhieda ta' Philip Grech m'hemm ebda cirkostanza ohra li tista' tikkorabora t-tezi tieghu. It-Tribunal ma jistax f'dan il-kaz ighid li, fuq il-bazi tal-provi li tressqu quddiemu, huwa moralment konvint li s-socjeta attrici ssodisfat l-oneru tal-prova li l-prezz kien ta' Lm400; *"The general rule is that the party who alleges any matter in issue must prove it... In a civil case the pleadings must be looked at in order to settle the question. The plaintiff naturally in his statement of defence, make the first*

*allegations. If the defendant in his defence, pleads a traverse or denial of an allegation made by the plaintiff, that puts it in issue and leaves the burden of proof upon the plaintiff"* (ara sentenza fl-**ismijiet Joseph Vincenti Rausi nomine vs Joseph Muscat** (Citaz. Nru: 64/91JSP) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1992). Huwa minnu wkoll li ma hemm ebda motivi fil-ligi il ghaliex ghandha tigi eskluza a priori xhieda ta' persuna wahda, pero' *"r-raguni naturali trid illi meta ma jkunx hemm hlief it-testimonjanza ta' persuna wahda il-gudikant ghandu jipprocedi b'prudenza kbira fl-apprezzament taghha, u jipponderha sewwa billi jivvaluta c-cirkostanzi kollha proprji biex jikkoroboraw jew jaffievolixxu l-motivi tal-kredibilita tieghu"* (**Rosa Tabone nominee vs Joseph Falzon** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fil-11 ta' Dicembru 1964).

11. Fid-dokument ezebit mis-socjeta attrici u markat bhala Dok. CC2 (ftehim li kien gie ffirmat mill-kontendenti), is-somma ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55) ma tissemmix. Mhux l-istess fir-rigward tal-*cancellation fee* pagabbli lil Corinthia Palace Hotel. Dwar dan l-ammont il-konvenut xehed: *"Dawn ic-cifri, jigifieri l-erbghin lira u l-hmistax il-lira ma jissemmewx fid-Dok. CC2 peress li ahna kien jikkoncernana li nirkupraw l-ispejjez li ghamilna ghall-cancellation fee"*. It-Tribunal jifhem li kieku l-konvenuti kienu qeghdin jippretendu dan il-hlas jew li kien dovut, kien jissemma fil-ftehim datat 12 ta' Novembru 1999 kif issemmiet il-*cancellation fee*. Jidher li wara li gie ffirmat dak il-ftehim il-konvenuti kellhom ripensament u ppretendew ukoll il-hlas ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55) kif fuq deskritt. Jinghad ukoll li f'kull kaz il-konvenuti naqsu milli jressqu provi li jikkonferma li dan il-hlas sar minnhom. Wara li t-Tribunal qies dawn il-fatturi kollha, huwa tal-fehma li dan l-ammont ghandu jigi rifuz lis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici limitatament ghas-somma ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55) kif fuq spjegat u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici dan l-ammont. L-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali prezentata fil-15 ta' Jannar 2001.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet, mehud in konsiderazzjoni l-ammont li l-konvenuti gew ikkundannati jhallsu b'paragun ma' l-ammont mitlub mis-socjeta attrici kif ukoll ghal fatt li r-risposta ntavolata mill-konvenuti giet prezentata wara t-terminu ta' tmintax-il jum stipulat mil-ligi.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**